

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1259**

tal-24 ta' Lulju 2019

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 197, 25.7.2019, p. 2)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/131 tat-18 ta' Jannar 2023	L 17	84	19.1.2023
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2202 tas-16 ta' Ottubru 2023	L 2202	1	17.10.2023

▼B**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
(UE) 2019/1259****tal-24 ta' Lulju 2019**

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*Artikolu 1***▼M2**

1. Huwa impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7307 19 10 (il-kodiċijiet TARIC 7307 19 10 10 u 7307 19 10 20) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja.

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi: korpi ta' fittings ta' kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13; kaxxi tal-ħadid malleabbli bil-kamin ċirkolari mingħajr għatu fejn jingħaqdu l-kejbils; tees li jikk-lampjaw tal-ħadid duttili bl-issigħill tal-lastiku u toqba tal-iżbokk; tappijiet tal-ħadid duttili skanalati għall-użu fuq pajpijiet tal-azzar skanalati bi żbokk bil-kamin; riduċenti tal-ħadid duttili bil-kamin fit-tarf; tees riduċenti tal-ħadid duttili skanalati bi żbokk bil-kamin; kullari tal-ħadid duttili għall-ibblankjar tal-pajpijiet mingħajr żbokki bil-kamin użati biex jissigħillaw toqba f'tubu jew pajp.

▼B

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi Ad-dizzjonali TARIC
Ir-RPĊ	Hebei Jianzhi Casting Group Ltd – Yutian County	57,8	B335
	Jinan Meide Casting Co., Ltd - Jinan	39,2	B336
	Qingdao Madison Industrial Co., Ltd - Qingdao	24,6	B337
	Hebei XinJia Casting Co., Ltd – XuShui County	41,1	B338
	Shijiazhuang Donghuan Malleable Iron Castings Co., Ltd – Xizhaotong Town	41,1	B339
	Linyi Oriental Pipe Fittings Co., Ltd – Linyi City	41,1	B340
	China Shanxi Taigu County Jingu Cast Co., Ltd – Taigu County	41,1	B341

▼B

Pajjiż	Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi Ad-dizzjonali TARIC
	Yutian Yongli Casting Factory Co., Ltd – Yutian County	41,1	B342
	Langfang Pannext Pipe Fitting Co., Ltd – LangFang, Hebei	41,1	B343
	Tangshan Daocheng Casting Co., Ltd – Hongqiao Town, Yutian County	41,1	B344
	Tangshan Fangyuan Malleable Steel Co., Ltd - Tangshan	41,1	B345
	Taigu Tongde Casting Co., Ltd – Nanyang Village, Taigu	41,1	B346
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	57,8	B999
It-Tajlandja	BIS Pipe Fitting Industry Co. Ltd - Samutsakorn	15,5	B347
	Siam Fittings Co., Ltd – Samutsakorn	14,9	B348
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	15,5	B999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

4. Il-Kummissjoni tista' temenda l-paragrafu 2 biex dan jinkludi produttur esportatur ġdid u tattribwixxi għal dak il-produttur ir-rata tad-dazju anti-dumping medja ponderata xierqa applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali, fejn produttur esportatur ġdid fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew fit-Tajlandja jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

- (a) hu ma esportax il-prodott deskritt fil-paragrafu 1 lejn l-Unjoni fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 (il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali),
- (b) hu mhuwiex relatat ma' xi esportatur jew produttur ieħor fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew tat-Tajlandja li hu soġġett għall-miżuri anti-dumping imposti b'dan ir-Regolament, u
- (c) hu effettivament esporta l-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni jew inkella daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju anti-dumping individwali speċifikati għall-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 2 għandha tkun kundizzjonali għall-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Fuq il-fattura kummerċjali għandu jkun hemm dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ it-tali fattura, identifikat bl-isem u l-kariga tiegħu/tagħha, abbozzata kif ġej: “Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet, ta' hađid fondut malleabbli jew ta' hađid fondut bil-grafit sferoidali, mibjugħa biex jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew manifatturati minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hi sħiħa u korretta.” Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandha tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-“kumpaniji l-oħra kollha”.

▼M1

6. Il-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet TARIC ġodda li ġejjin għandhom jinħolqu għall-prodotti indikati:

	- - - - Bil-kamin
	- - - - - Ta' ħadid fondut malleabbli
7307 19 10 03	- - - - - Korpi ta' fittings ta' kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13
7307 19 10 05	- - - - - Kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils ċirkolari mingħajr ma jkollhom għatu
	- - - - - Ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali
7307 19 10 13	- - - - - Korpi ta' fittings ta' kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13
7307 19 10 30	- - - - - Oħrajn
	- - - - - Mingħajr kamin
7307 19 10 35	- - - - - Ta' ħadid fondut malleabbli
7307 19 10 40	- - - - - Ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali
7307 19 10 45	- - - - - Oħrajn

7. Id-deskrizzjonijiet il-ġodda li ġejjin għandhom jiġu attribwiti lill-kodiċijiet TARIC indikati:

7307 19 10 10	- - - - - Oħrajn
7307 19 10 20	- - - - - Oħrajn

▼B*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.